MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 46/2010

**JDG Holdings Limited (C22007)**

***kontra***

**Gharghur Developments Limtied (C34913)**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta' Jannar 2010 li jaqra hekk –

*Illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' konvenju datat erbgha (4) ta' Jannar 2008 (hawn anness u markat Dokument A) obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi u tassenja lis-socjeta' attrici, li min-naha taghha obbligat ruhha li tixtri u takkwista zewg garages bla numru u bla isem li qeghdin fil-livell minus one (-1) accessibli minn entratura komuni bla numru u bla isem li tizbokka fi Triq San Gwann, gewwa l-Gharghur, sovrapost u sottopost*

*ghal proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, internament immarkat bin-numru erbgha (4) u formanti parti minn blokk bla isem u bla numru pero' immarkat bl-ittra "A" fi Triq San Gwann, Gharghur, liema flat qieghed fit-tieni livell tal-istess blokka, lkoll liberi u franki bid-drittijiet, inkluz dak ta' uzu in perpetwu, mhux ostakolat u mhux interrot, mid-drive-ins u partijiet komuni li jaghtu access ghall-proprjeta' in kwistjoni, u l-pertinenzi taghhom kollha, liema garages u appartamenti huma murija fil-pjanta annessa mal-istess konvenju, versu l-prezz u l-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess konvenju ;*

*Illi l-imsemmi konvenju kellu jiskadi fl-erbgha (4) ta' Jannar 2010 ;*

*Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2009 is-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex tersaq ghall-publikazzjoni tal-att finali tal-bejgh (Dokument B) ;*

*Illi s-socjeta' konvenuta ghal ebda raguni valida fil-ligi naqset milli tersaq ghall-iffirmar tal-imsemmi kuntratt ta' bejgh ;*

*Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment ;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi s-socjeta' attrici qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi :-*

*1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti naqsu ghal ebda raguni valida fil-ligi milli jersqu ghall-iffirmar u pubblikazzjoni ta' bejgh ta' zewg garages bla numru u bla isem li qeghdin fil-livell minus one (-1) accessibbli minn entratura komuni bla numru u bla isem li tizbokka fi Triq San Gwann, gewwa l-Gharghur, u ta' flat internament immarkat bin-numru erbgha (4) u formanti parti minn blokk bla isem u bla numru fi Triq San Gwann, Gharghur, liema flat qieghed fit-tieni livell tal-istess blokka, liema garages u appartament, liberi u franki bid-drittijiet inkluz dak ta' uzu in perpetwu, mhux ostakolat u mhux interrot, mid-drive-ins u partijiet komuni li jaghtu access ghall-proprjeta' in*

*kwistjoni, u l-pertinenzi taghhom kollha, liema garages u appartamenti huma murija fil-pjanta annessa mal-istess konvenju, versu l-prezz u l-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess konvenju ;*

*2. tordna lis-socjeta’ konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti tersaq ghall-publikazzjoni tal-att finali tal-bejgh taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kontenuti fil-konvenju datat 4 ta’ Jannar 2008 ;*

*3. tinnomina Nutar sabiex jippublika l-att finali tal-bejgh u kuraturi ghall-eventwali kontumacja tas-socjeta’ konvenuta fuq l-istess att finali tal-bejgh.*

*Bl-ispejjez u b’riserva ta’ kull dritt spettanti lis-socjeta’ attrici fil-ligi ghad-danni u bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta in subizzjoni.*

**Rat** l-elenku ta’ dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici flimkien mal-lista tal-persuni li indikat bhala xhieda.

**Rat** li r-rikors guramentat kien debitament notifikat lill-kumpannija konvenuta skond il-ligi li min-naha taghha naqset milli tipprezenta risposta guramentata u hekk baqghet kontumaci.

**Rat** li l-kumpannija konvenuta kienet ukoll debitament notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

**Semghet** lill-Av. Dr. Josette Grech tikkonferma fl-udjenza tat-18 ta’ Marzu 2009 li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sa dakinhar ma kien nbidel xejn mic-cirkostanzi li wasslu biex saret il-kawza.

Billi l-provi attrici mhumiex kontradetti u d-domandi attrici jirrizultaw pruvati b’mod sodisfacjenti u kif trid il-ligi, fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, **tiddeciedi l-kawza hekk** –

**Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta naqset ghal ebda raguni valida fil-ligi milli**

**tersaq ghall-iffirmar u pubblikazzjoni ta' l-att tal-bejgh ta' zewg garages bla numru u bla isem li qeghdin fil-livell minus one (-1) accessibbli minn entratura komuni bla numru u bla isem li tizbokka fi Triq San Gwann, gewwa l-Gharghur, u ta' flat internament immarkat bin-numru erbgha (4) u formanti parti minn blokk bla isem u bla numru fi Triq San Gwann, Gharghur, liema flat qieghed fit-tieni livell tal-istess blokka, liema garages u appartament, liberi u franki bid-drittijiet inkluz dak ta' uzu in perpetwu, mhux ostakolat u mhux interrot, mid-drive-ins u partijiet komuni li jaghtu access ghall-proprjeta' in kwistjoni, u l-pertinenzi taghhom kollha, liema garages u appartamenti huma murija fil-pjanta annessa mal-istess konvenju, versu l-prezz u l-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess konvenju.**

**Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex nhar it-Tlieta 18 ta' Mejju 2010 fid-9.00 a.m. tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgh fuq riferit taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kontenuti fil-konvenju bejn il-partijiet tal-4 ta' Jannar 2008.**

**Tilqa' t-tielet talba u tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex tippubblika l-att finali tal-bejgh, u tahtar lill-Avukat Dottor Francesco Depasquale sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att finali tal-bejgh.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------